# IL-ĦAŻIN DEJMEM ĦAŻIN

Minn
George Ebejer

# IL-ĦAŻIN DEJJEM ĦAŻIN

1. **Il-ħażin dejjem hu ħażin: Ukoll jekk inti ma tinqabadx. Ftakar li:**

> "*Għajnejn il-Mulej huma kullimkien, iħarsu lejn il-ħżiena u t-tajbin*" (Prover-bji 15:3).

F'din l-istqarrija hemm implikati kemm l-omnipreżen-za kif ukoll l-għerf bla tarf ta' Alla. Alla jinsab kul-limkien, u Hu jaf kollox. Isma' x'għandu xi jgħid il-Kittieb tas-Salmi dwan dan:

> "*O Mulej, int għarbiltni, u għaraftni. Taf meta noqgħod bil-qiegħda, u taf meta nqum; taf ħsibijieti mill-bogħod. Inti taf tajjeb triqati kollha. Għax m'hemmx kelma f'fommi, li int, Mul-ej, ma tafhiex kollha. Int tħaddanni minn quddiem u minn wara, u tqegħi-dli idek fuqi. Għerf bħal dan hu tal-għaġeb għalija; għoli wisq, ma nistax inlaħħaq miegħu. Fejn immur bogħod mill-ispirtu tiegħek? Jew fejn naħrab minn wiċċek? Jekk nitla' fis-sema, inti qiegħed hemm: jekk nagħmel soddti fis-saltna ta' l-imwiet, ara, inti qiegħed hemm. Jekk nieħu ġwinħajn is-sebħ, u ngħammar fi truf il-baħar; Hemm ukoll idek tilħaqni, u lemintek taqbadni. Jekk ngħid: Ħalli d-dlam jaħbini; ħalli d-dawl ikunli lejl madwari; Iva, id-dlam ma jista' jaħbilek xejn, u l-lejl*

*jiddi bħan-nhar; id-dlam u d-dawl huma xorta waħda għalik;* (Salm 139:1-12).

Il-profeta Ġeremija wkoll jgħid kliem bħal dan:

> "*Għax għajnejja huma fuq triqathom kollha: mhumiex moħbijin minn wiċċi, u lanqas il-ħażen tagħhom mhu moħbi minn għajnejja*" (Ġeremija 16:17).

Fl-Ittra lil-Lhud naqraw:

> "*Xejn ma hemm fil-ħolqien lihu moħbi għalih, imma kollox hu miftuħ għal għajnejn Alla, li lilu rridu nagħtu kont*" (Lhud 4:13).

Għarfien bħal dan hu neċessarju jekk Alla għandu jkun l-Imħallef tagħna:

> "*Kbir fil-fehma, u setgħan fl-egħmil għax għajnejk huma miftuħin fuq it-triqat kollha ta' wlied il-bnedmin: biex tagħti lil kull wieħed skond imġibtu, u skond frott egħmilu*" (Ġeremija 32:19).

Billi Alla jara kemm it-tajjeb kif ukoll il-ħażin, Hu mhuwiex bniedem, għaliex il-bnedmin jaraw il-ħażin ta' oħrajn u jaħbu l-ħażin tagħhom u tal-ħbieb tagħhom.

Ġona hekk ipprova jagħmel, fejn naqraw hekk:

> "*Iżda Ġona qam biex jaħrab lejn Tarsis, il-bogħod minn quddiem il-Mulej.*

*U hekk niżel Ġoppa, u sab ġifen li kien sejjer Tarsis, ħallas il-passaġġ tiegħu, u tala' fuqu biex imur magħhom Tarsis, il-bogħod mill-Mulej*" (Ġona 1:3).

F'Atti 5:1-9 naqraw dwar Ħananija u Safira fejn ippruvaw jaħbu mill-Mulej. Eżempji oħra nsibuhom ukoll f'Ġożwè 7:1, 11, 16-21; eċċ.

2. **Il-ħażin dejjem hu ħażin: Ukoll jekk oħrajn qegħdin jagħmlu ħwejjeġ agħar.**

Ikun ta' ftit konfort fil-jum tal-ħaqq jekk inti tkun mitluf u tibda tgħid li kien hemm oħrajn li kienu ħatja ta' dnubiet agħar minn tiegħek. L-appostlu Pawlu jgħidilna hekk:

"*Għalhekk fuq kollox aħna nfittxu li nogħġbu lilu, sew jekk nibqgħu hawn, sew jekk noħorġu minn dan il-ġisem. Jinħtieġ li lkoll kemm aħna nidhru quddiem it-tribunal ta' Kristu, ħalli kulħadd jieħu skond it-tajjeb jew il-ħażin li jkun għamel meta kien għadu ħaj fil-ġisem*" (2 Korintin 5:9-10).

Dak kollu li għandu jinteressa lilna hu li ngħixu ħajja kif irid il-Mulej u mhux kif ħaddieħor qiegħed igħix.

3. **Il-ħażin dejjem hu ħażin: Ukoll jekk inti tagħmlu għall-kawża tajba.**

Il-persuna onorabbli ma tiġġustifikax għemil ħażin. L-appostlu Ġwanni jgħid hekk:

"*Id-dnub hu ksur tal-liġi*" (1 Ġwanni 3:4).

Jekk il-liġi ta' Alla tgħid li l-ħażin hu dnub, allura l-ebda għemil ħażin qatt ma jista' jkun iġġustifikat. Ġakbu jgħid:

> "*Għax min il-liġi jħarisha kollha imma jiksirha f'ħaġa waħda biss, ikun ħati ta' kollox*" (Ġakbu 2:10).

Ġakbu qiegħed jistaqsi hawn, "Għaliex tagħmel daqshekk wirja ta' prazjalità?" Kull dnub li jikser il-liġi ta' Alla jikser is-sħubija ma' Alla. Jekk jiena nżomm il-kmandamenti kollha u għax irrid nikser *wieħed* minnhom jiena nkun ksirt is-sħubija tiegħi ma' Alla.

4. **Il-ħażin dejjem hu ħażin: Ukoll jekk dan jidher li hu aċċettat minn ħafna.** Alla wissa:

> "*La tmurx wara l-kotra biex tagħmel il-ħażen; u lanqas tixhed fi ġlieda biex titmejjel wara l-kotra biex tgħawweġ il-ħaqq*" (Eżodu 23:2).

F'Dewteronomju 16:19 naqraw,

> "*La tgħawwiġx il-ġustizzja, tħarisx lejn l-uċuħ, u taċċettax tixħim (rigali, għotjiet) għax it-tixħim jagħmi għajnejn il-għorrief u jgħawweġ kliem in-nies sewwa.*"

l-appostlu Pawlu jgħidilna:

> "*U fuq kollox warrbu kull xorta ta' ħażen*" ( 1Tessalonikin 5:22).

> "*Tħallix il-ħażen jirbħek, iżda irbaħ il-ħażen bit-tajjeb*" (Rumani 12:21).

Tafu dwar xhiex Pawlu kien qiegħed jitkellem hawn? Hu jgħid hekk:

> "*Ħa tkun l-imħabba bla wċuh. Obogħdu dak li hu ħażin; żommu sħiħ mattajjeb; Għożżu 'l xulxin b'imħabba ta' aħwa; fil-ġieh qisu 'l xulxin ogħla. Imħeġġin bla ma tintelqu; mixgħulin fl-ispirtu; taqdu l-Mulej; Ferħanin bittama; bis-sabar fin-niket; titolbu bla ma taqtgħu; Agħtu għall-ħtiġijiet talqad-disin; ilqgħu l-għorba. Bierku lil dawk li jippersegwitawkom; bierku u la tist-ħux. Ifirħu ma' min jifraħ; u ibku ma' min jibki. Aqblu ma' xulxin. Tixtiqux ħwejjeġ għolja, agħmluha ma' nies baxxi. Tgħoddux ruħkom b'għorrief fil-ħsibijiet tagħkom. La troddu lil ħadd deni għal deni. Agħmlu ħwejjeġ onesti quddiem il-bnedmin kollha. Jekk jista' jkun, daqs kemm jiġi minn-kom, għixu fil-paċi ma' kulħadd. Maħ-bubin tiegħi, tagħmlux vendetta b'idej-kom, imma agħmlu l-wisa' għall-għa-dab ta' Alla, għax hu miktub: Għalija l-vendetta, jien inħallas, igħid il-Mulej. Għalhekk jekk il-għadu tiegħek bil-ġuħ, itimgħu; jekk inhu bil-għatx isqih; għax billi tagħmel dan, tkun qiegħed tiġbor ġamar jaħraq fuq rasu. Tintre-baħx mill-ħażen, imma*

*irbaħ il-ħażen bit-tajjeb*" (Rumani 12:9-21).

5. **Il-ħażin dejjem hu ħażin: Ukoll jekk dan ma jinkwetax lil kuxjenza tiegħek.**

Il-kuxjenza tista' tkun imħarrġa biex taċċetta li tagħmel il-ħażin. Ħażen magħmul "fis-sinċerità" xorta jibqa' ħażen quddiem Alla. Fl-Iskrittura għandna eżempji ta' nies li kellhom kuxjenza tajba imma kienu fl-iżball. Naqraw fi Proverbji 14:12,

> "*Hemm triq li tidher dritta lil xi ħadd; iżda hemm triqat il-mewt fl-aħħar tagħ-ha.*"

Fi Proverbji 3:5 naqraw hekk:

> "*Ittama fil-Mulej b'qalbek kollha, u tafdax fil-għaqal tiegħek.*"

Isaija jgħid,

> "*Ħalli l-ħażin jitlaq triqtu, u r-raġel tal-ħażen ħsibijietu: u ħa jarġa' lejn il-Mulej, u hu jħenn għalih; u lejn Alla tagħna, għax hu mimli bil-maħfra. Għax il-fehmiet tiegħi ma humiex fehmietkom, u t-triqat tiegħi ma humiex triqatkom, igħid il-Mulej—Għax daqskemm huma ogħla s-smewwiet mill-art, daqshekk ieħor huma triqati 'l fuq minn triqatkom, u l-fehmiet tiegħi mill-fehmiet tagħkom*" Isaija 55:7-9).

F'dawn l-Iskritturi għandna stampa ta' persuna li qed tagħmel dak li f'għajnejha jidher li hu tajjeb. Imma jintqal lilha li dak iwassalha għall-mewt.

F'Rumani 10:1-3 Pawlu jagħtina eżempju tajjeb fejn jgħid:

> "*Ħuti, nixtieq tassew minn qalbi nitlob quddiem Alla li niesi jsalvaw. Jien xhud għalihom li huma għandhom iż-żelu għal Alla, iżda dan iż-żelu mhux mibni fuq il-għerf veru. Ma għarfux il-ġustizzja ta' Alla, imma fettxew il-ġustizzja tagħhom, u għalhekk ma qagħdux għall-ġustizzja ta' Alla.*"

Dawn kienu nies (il-Lhud) li kienu żelużi għal Alla, kienu onesti u sinċiera kif illum ħafna huma, imma mhumiex lesti li jaċċettaw il-Kelma ta' Alla fis-sempliċità tagħha.

Jekk f'dan il-każ kien jinħtieġ aktar minn sempliċiment sinċerità hekk ukoll illum.

Każ ieħor huwa dak ta' l-appostlu Pawlu qabel ma huwa kkonverta. Pawlu, qabel il-konverżjoni tiegħu kien qaddej onest, Lhudi kkonsagrat, u jaqdi lil Alla taħt il-liġi Możajka li kienet imneħħija fuq is-salib (Kolossin 2:14). Ukoll Pawlu kien jippersegwità l-knisja għall-mewt. Jista' xi ħadd jaħseb li hu kien salv taħt kondizzjonijiet bħal dawn? Iżda hu qal li hu dejjem kellu "kuxjenza tajba" (Atti 23:1). Pawlu qal,

> "*Jien ukoll deherli li kelli nagħmel minn kollox kontra l-isem ta' Ġesù*" (Atti 26:9).

Dan huwa każ ċar ta' raġel li kien qiegħed jaqdi lil Alla sinċerament, imma fit-triq il-ħażina, u li kien mitluf waqt li kien f'dak is-servizz żbaljat.

Każ ieħor huwa dak ta' Kornelju, f'Atti 10. Kif l-istorja tiftaħ, Kornelju ma kienx Kristjan għax hu ma kienx jaf il-verità dwar Kristu. Għalkemm hu ma kienx Kristjan huwa muri bħala:

> "*li kien bniedem sewwa u kellu l-biża' ta' Alla; kien jagħmel ħafna opri ta' karità mal-poplu u kien dejjem jitlob lil Alla*" (v. 2).

Pietru kien mibgħut mill-Mulej biex jippriedka l-Evanġelju lil Kornelju u lill-familja tiegħu. Pietru mbagħad igħid l-istorja (f'Atti 11) kif hu kien mibgħut biex igħid:

> "*kliem li bih isalva Kornelju u l-familja tiegħu kollha*" (Atti 11:13-14).

L-istqarrija turi li sa dak il-waqt Kornelju **ma kienx għadu salv** għaliex ma kienx għadu sama' dak il-kliem li kien jista' jsalvah!

Mela, hawn għandna raġel devot, jibża' minn Alla, jitlob, jagħti l-karità, raġel sinċier, li madankollu, kien mitluf. Xi ħadd forsi jistaqsi, "*imma għaliex?*" Kornelju ma kienx għadu salv għaliex sa dak il-ħin hu kien għadu ma jafx il-verità li tista' teħilsu (Ġwanni 3:32; 17:17). Kornelju kellu jkun aktar minn sinċier: hu kellu jkun jaf, jemmen, u *jobdi* l-verità.

Il-Mulej Ġesù Kristu ddikjara f'Mattew 15:9,

*"Fiergħa hija l-qima li jagħtuni: igħall-mu dottrina li mhix għajr preċetti tal-bnedmin."*

*Aħseb* dwar din l-istqarrija. Jekk huwa tassew, kif xi wħud igħallmu llum, li nies ikunu salvi sempliċiment għaliex huma jkunu onesti fir-reliġjon, u li huma jkunu salvi bil-fidi biss, allura ma jkunx hemm ħaġa bħal "*qima fiergħa.*" Skond huma, kull qima għandha tkun aċċettabbli għal Alla. Imma l-Mulej ta' kulħadd qal li hemm ħaġa bħal "qima fiergħa." Hu qalilna li dottrini tal-bnedmin jagħmlu l-qima fiergħa. Konsegwentament, in-nies jistgħu jaduraw lil Alla fis-sinċerità kollha, imma xorta jibqgħu jemmnu u jipprattikaw id-dottrini tal-bnedmin minflok it-tagħlim ta' Alla.

Jekk Kristu fisser dak li Hu qal u qal dak li Hu fisser, qima bħal din tkun għalxejn! Għalhekk, mhux biss is-sinċerità hija meħtieġa, imma wkoll il-preċetti jew dottrini tal-Mulej.

## KONKLUŻJONI

Minn dan li aħna rajna, wieħed għandu jżomm f'moħħu li **ħażin dejjem hu ħażin.**

1. Ukoll jekk inti ma tinqabadx.
2. Ukoll jekk oħrajn ikun qegħdin jagħmlu agħar.
3. Ukjoll jekk inti tagħmlu għall-kawża t-tajba.
4. Ukoll jekk dan jidher li hu aċċettat minn ħafna.
5. Ukoll jekk dan ma jinkwetax il-kuxjenza tiegħek.

*"Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, l-imħabba ta' Alla u l-għaqda ta' l-Ispirtu s-Santu jkunu magħkom ilkoll"* (2 Korintin 13:13-14).

Għal aktar informazzjoni ikkuntattja:


Knisja Ta' Kristu
Flat 1, Polytechnic Flats
Ġużè Debono Square,
Msida MSD 10

e-mail: info@churchofchristmalta.com

jew: www.churchofchristmalta.com